**MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN Nru. 04/2010**

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, it-28 ta' Settembru 2010**

**Ħin: Fis-2.00 ta' wara nofsinhar**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sinjura Carmen Camilleri**
- **Is-Sur George Sacco**
- **Is-Sur Joseph Zammit**
- **Is-Sur Carmelo Saliba – Sindku**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Il-Viċi Chairperson is-Sur Emmanuel Debono kien skużat.

Ippresjediet il-laqgha ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

Iċ-Chairperson u flimkien magħha ngħaqdu l-membri tal-Kumitat u s-Sindku awguraw fejqan ta' malajr lill-kollega s-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson. Għandha tintbagħat *get well soon card* lis-Sur Debono.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 03/2010

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 03/2010 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvata u ffirmata.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI NRU. 03/2010

Ma tqajjmux punti mill-minuti.

## 4. KORRISPONDENZA

Dwar Memo 126/2010 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – attivitajiet / inizzjattivi organizzati mill-Kunsilli Lokali b' risq il-Malta Community Chest Fund, il-Kumitat iddeċieda li flimkien mal-Kunsill Lokali jorganizza attivita' soċjali biex jinġabru fondi s-Sibt 20 ta' Novembru 2010 fil-Crystal Palace, Marsalforn.

## 5. IL-KJOSK TAL-*PROMENADE* TAL-QBAJJAR

Saret diskussjoni fit-tul dwar il-kjosk tal-*promenade* tal-Qbajjar li ilu magħluq għal diversi snin.

Il-Kumitat qabel li jitlob biex issir id-devoluzzjoni tal-kjosk tal-*promenade* biex dan il-kjosk ikun jista' jiġi amministrat b' mod aħjar.

Il-Kumitat ftiehem li l-Perit tal-Kunsill jagħmel stima ta' l-ispiża biex tissewwa l-ħsara li fih il-kjosk.

## 6. *BUS SHELTER* ĠDID FIL-BAJJA TAL-QBAJJAR

Kien hemm qbil li għandha titpoġġa *bus shelter* fit-tarf ta' Triq Santa Marija, faċċata tal-Bajja tal-Qbajjar.

## 7. AFFARIJIET OHRA

Is-Segretarja Eżekuttiva ġabet għall-attenzjoni tal-Kumitat ilment li rċeviet dwar l-istat ħażin tal-bankini ġewwa Marsalforn (ilment 49/2010).

Il-Kumitat approva t-twaħħil ta' tappieri għal żewġ *inspections* miftuħa fuq bankina fi Triq il-Qbajjar.

Fuq talba tas-Sur Sacco, il-Kumitat approva li titranġa roqqa li qed iżżomm l-ilma fi Triq il-Wied k/m Triq il-Munġbell (jagħmlu dan ix-xogħol il-ħaddiema tal-IPSL).

Il-Kumitat approva:

- li għax-xitwa, jaqla' l-bankijiet ta' fuq il-*promenade* ta' Marsalforn u jiżżarma l-passaġġ tal-injam fuq il-Bajja ta' Marsalforn.
- t-tiswija tal-bankina quddiem Ġanġu's Flts fi Triq tan-Naħla.
- t-twaħħil ta' *shade* għall-lampa mwaħħla mar-residenza nru. 26 fi Triq il-Forn.
- jinbdew il-proċeduri biex tinqala' siġra tal-palm minn ġo bankina fi Pjazza San Pawl u terġa' titwaħħal f' post ieħor (peress li l-proprjeta' tal-kantuniera ser titwaqqa').
- issir 'Keep Clear' maġenb il-latrina pubblika tal-Menqa (mid-*double yellow lines* il-ġewwa).

Kienet diskussa t-talba biex jiżdiedu l-*litterbins* fil-*belvedere* ta' Triq il-Wied (faċċata ta' Jessica's Delights).

## 8. AĠĠORNAMENT

Il-Kumitat Amministrattiv aġġorna fl-4.00 ta' filgħaxija għal nhar it-Tnejn, il-25 ta' Ottubru 2010 fit-3.00 ta' wara nofsinhar.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***